# Il-Bandalora

## 50 SENA MINN META SARET



*Il-bandalora l-qadima (1928)*

Matul it-tieni gwerra dinjija, (1939-45), ir-raħa tagħna, Ħal Kirkop laqqgħat is-sehem tiegħu wkoll. Kien hawn bosta refuġjati, riġmenti ta' suldati, ġo l-għelieqi ta' madwar ir-raħal kien hawn skjerati bosta skwadri ta' ajruplani lesti biex jittajru mill-Karwija u mis-Safi Strip (illum Housing Estate Kirkop II). Qrib iċ-ċimiterju ta' Ħal Kirkop kien hawn bosta mnieżel ta' balal lesti biex jitgħabbew fuq l-ajruplani. Darba waqt air raid, ġiet bomba f'nofshom u splodew ħafna minnhom tant li heżżew ir-raħal mill-pedamenti. Bosta bini mġarraf, imwiet u kull ħerba, qerda u rovina li l-gwerra ġġib magħha.

Il-Każin tagħna li kien quddiem il-Knisja, maġenb id-dar ta' Żabettu, illum id-dar tal-Kappillan, ħa sehmu wkoll fil-gwerra, meta ntlaqat u ġġarrfet parti minnu b'telf ta' bosta affarijiet. Xi strumenti u l-bandalora tniżżlu ġox-xelter. Darba wara ħalba xita qawwija, skula xi ilma mill-blat u qattar fuq il-bandalora, tant li ġiet irrovinata għal dejjem b'tebgħa kbira kif għadna naraw sa llum.




*Il-bandalora l-ġdida*

Din il-Bandalora li hija tas-satin aħmar, b'rakkmu tad-deheb kient inġabret bit-tħabrik ta' ċertu Pawlu Ellul (ta' Marinton), fl-1920. Wara l-gwerra fl-1947, beda l-ġbir għal bandalora ġdida minn Gaetan Camilleri u kuġinuh Ġużeppi Camilleri. Sar disinn minn Ġużeppi Galea mir-Rabat. Damet ma tlestiet għax id-drapp (bellus) ordnat barra minn Malta mis-Soċjetà dam ma wasal. Ġiet meħjuta u rrakmata bid-deheb mis-sorijiet ta' Ġesù Nazzarenu taż-Żejtun. Il-lasta, il-labardi u l-iljun inħadmu mid-ditta Robinich ta' Għajn Dwieli ta' Raħal Ġdid.

Iżżanżnet f'għeluq il-ġublew tad-deheb (50 sena) mit-twaqqif tal-Banda San Leonardu fl-1949, ħamsin sena ilu.

*(Nixtieq nirringrazzja lil dawk li rrakkontawli ġrajjiet li għexuhom fil-gwerra li għaddiet u nispera li ma jgħaddix ħaddieħor minnhom).*

**J. Carbone**